Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,708, 17 ta' Novembru, 1998
Taqsima B

A.L. 252 ta' l-1998

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 13)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 13).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 1998.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 124.93 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 33, Triq id-Daħla ta' San Tumas, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Ganza, Żejtun, li tmiss minn Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern/Triq id-Daħla ta' San Tumas, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Paul Bonnici, u mill-Punent ma' passaġġ pubbliku, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 33, magħruf bħala "Andreanth", Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.33 fuq L.D. 7/80/84. (HAP 517/96).

(2) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Plots* tal-Gvern Ta' Jannoli, limiti Paola, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 168.83 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 5, issa No. 30, Triq il-Belt Valletta, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Belt Valletta, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Saviour Ellul Bonici,

u mill-Punent ma' proprjetà ta' Vincent Savior Zammit, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 30, magħruf bħala "Raquel", Triq il-Belt Valletta, Paola, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Plot 5 fuq L.D. 161/98. (HAP. 565/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 158.86 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 7, Triq il-Belt Valletta, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Belt Valletta, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Vincent Carmel Zammit, u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, li fuqha llum hemm mibni l-fond magħruf bħala "St. Gaetan", Triq il-Belt Valletta, Paola, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Plot 7 fuq L.D. 161/98. (HAP 533/96).

(3) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fin-Nigret, Żurrieq, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru madħrufa bħala Plot No. 1, u biċċa art oħra tal-kejl ta' madwar 53 metru kwadru magħrufa bħala Sit A, sew liema Plot sew liema Sit jinsabu f'Wesgħa Franġisk Bugeja, u li t-tnejn imissu mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmel Caruana, mil-Lbic ma' proprjetà tal-Gvern, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Buġeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 1, Wesgħa Franġisk Buġeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.1 u "A" rispettivament fuq L.D. 198/81/21. (HAP 642/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 2, Wesgħa Franġisk Bugeja, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Joeph Farrugia, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John D'Amato, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Bugeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 2, magħruf bħala "Sunhouse", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.2 fuq L.D. 198/81/21. (HAP 367/96).

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 3, Wesgħa Franġisk Bugeja, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Grezzju Caruana, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmel Caruana, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Bugeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond mumru 3, magħruf bħala "Sweet Heart", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.3 fuq L.D. 198/81/21. (HAP 259/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 5, Wesgħa Franġisk Buġeja, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Farrugia, mil-Lbiċ ma' proprjeta` ta' Grezzju Caruana, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Bugeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 5, magħruf bħala "Il Mio Nido", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.5 fuq L.D. 198/81/21. (HAP 554/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 6, Wesgħa Franġisk Buġeja, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmel Farrugia, mil-Lbiċ ma' proprjeta` ta' John Calleja, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Bugeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 6, magħruf bħala "Antcar", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.6 fuq L.D. 198/81/21. (HAP 566/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 7, Wesgħa Franġisk Buġeja, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Joseph Farrugia, mil-Lbiċ ma' proprjeta` ta' Anthony Farrugia, u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern/Wesgħa Franġisk Bugeja, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 7, magħruf bħala "Little Cottage", Wesgħa Franġisk Bugeja, Żurrieq, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.7 fuq L.D. 198/81/21. (HAP 587/96).

(4) *Flat* numru 5, Blokk C5, Triq Fonsu Marija Galea, Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 67000 – H.A. 574/96).

(5) *Flat* numru 3, Block 5, *Unit* 2, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Bormla (Tenement No. 62327 – H.A. 667/95).

(6) *Flat* numru 2, Blokk B-3, Triq id-Dawr, Ta' Mliet, Mosta (Tenement No. 70813 – H.A. 65/97).

(7) *Flat* numru 16, Blokk C, Sezzjoni 2, Qasam Hal Dmikki, Għaxaq (Tenement No. 69486 – H.A. 203/97).

(8) Dar bin-numru 3, Blokk N, Triq iż-Żnuber, Neighbourhood I, San Ġwann (Tenement No. 67786 – H.A. 381/96); u il-partita (21) fl-A.L. 227 ta' l-1998, erronjament riferibbli għal dar bin-numru 10, għandha titħassar.

(9) *Flat* numru 4, Blokk VIII, Misraħ Monsinjur P.P. Psaila, Ta' l-Istabal, Qormi (Tenement No. 64215 – H.A. 173/97).

(10) *Flat* numru 3, Blokk D2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex (Tenement No. 69242 – H.A. 206/97).

(11) *Flat* numru 3, Blokk E1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex (Tenement No. 71442 – H.A. 213/97).

(12) *Flat* numru 1, Blokk A, Ex-Kulleġġ Flores, Triq l-Arċisqof, Valletta (Tenement No. 68792 – H.A. 239/97).

(13) *Flat* numru 2, Blokk C5, Triq it-Taqtigħa, Ħal Mula, Żebbuġ (Tenement No. 73505 – H.A. 330/97).

(14) *Flat* numru 19, Blokk B, Qasam Ta' Ganza, Żejtun (Tenement No. 70314 – H.A. 182/97).

(15) *Flat* numru 51, Blokk E, Qasam Ta' Ganza, Żejtun (Tenement No. 70346 – H.A. 445/96).

(16) Dar bin-numru 7, qabel 99, Triq Ineż Soler, Santa Luċija (Tenement No. 68432 – H.A. 1/82).

(17) Dar bin-numru 22, qabel 127, Triq Maria De Dominicis, kantuniera ma' Triq l-Għansar, Santa Luċija (Tenement No. 68455 – H.A. 231/97).

(18) Dar bin-numru 13, qabel 96, Triq Ineż Soler, Santa Luċija (Tenement No. 68429 – H.A. 403/97).

(19) Dar bin-numru 52, Triq il-Watar, Ta' Xbiex (Tenement No. 70690 – H.A. 8/97).

(20) *Flat* numru 1, Blokk III, Triq il-Mitħna, Bini tal-Gvern, Żebbuġ, Malta (Tenement No. 67388 – H.A. 217/97).